# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 31 ta' Jannar 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 29/2024 BS**

**Loraine Formosa**

**-vs-**

**Marvic Formosa**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors b'Urgenza tal-attrici ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili:**

Illi kontestwalment mà dan ir-rikors, I-esponenti pprezentat il-kawza tà separazzjoni fost talbiet ohra;

Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet tà Malta illi permezz tieghu I-esponenti qieghda tressaq it-talba taghha lil din il-Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti fis-sehh bejniethom.

Illi I-partijiet izzewgu fit-3 tà Awwissu 2013 fil-Knisja tà Marija Bambina, ix-Xaghra, Ghawdex;

Illi l-hajja konjugali tà bejniethom tkissret irrimedjabbilment ghal ragunijiet validi fil-ligi imputabbli lill-intimat;

Illi bejn il-kontendenti japplika r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti;

Illi skont I-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet tà Malta u I-gurisprudenza, din il-Qorti tistà, f'kull waqt matul il-kawza tà firda anké fi stadju bikri tal-proceduri anké jekk ma jkunux ghadhom ingabru l-provi dwar l-istess komunjoni, fuq talba tà wiehed jew l-ohra mill-mizzewgin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tà residwu taht amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewgin, u tali talba tistà tigi opposta biss, skont dak li jipprovdi l-istess Artikolu 55(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet tà Malta jekk il-Qorti tqis li xi parti tkun sejra tbaghti pregudizzju sproporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda, li mhuweix il-kaz fil-kaz djern;

Il-gurisprudenza hija kollha fis-sens illi tali talbiet ghandhom jintlaqghu. F'dan ir-rigward 1-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tà 1-Appell nhar it-28 tà Marzu 2015, fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**, fejn gie ritenut illi:

*"Minn dan jirrizulta li talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri 'pregudizzju mhux proporzjonat'. Inoltre, 1-oneru tal-prova tà dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat […] Din il-Qorti tosserva li s-sottomissjonijiet da parti tal-konvenut li fl-applikazzjoni tas-sub-inciz 4 il-Qorti ghandha tinterpreta 'b'mod 1-aktar ampju' il-frazi 'pregudizzju mhux proporzjonat' hija legalment insostenibbli u hija kontradetta mill-istess dicitura uzata mill-legislatur f'din il-parti tal-ligi. Dak li ried il-legislatur, u allura dak li jghid dan is-subinciz, huwa li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlqà t-talba skont 1-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun jikwalifika bhala sproporzjonat. Quod lex voluit lex dixit, u ghalhekk mhux legalment konsentit li 1-ligi tigi nterpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-temini espressi taghha. […] Inoltre jigi osservat li l-ligi taghti 1-fakoltà lil parti li titlob ghall-waqfien tal-komunjoni 'f'kull zmien' tal-kawza, u ghalhekk anké fl-istadju inizjali tal-proceduri meta l-provi ma jkunux ghadhom instemghu, izda dan ma jimpedix lill-parti li tkun ghamlet it-talba jew li tkun allegat 'pregudizzju mhux proporzjonat' milli titlob lill-Qorti sabiex jinstemghu provi dwar it-talba maghmula.";*

Ghal dawn ir-ragunijiet 1-esponenti umilment titlob lil din 1-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet tà Malta b'sentenza tordna 1-waqfien tal-komunjoni tà 1-akkwisti tà bejn il-kontendenti u tordna notifika tà tali ordni lid-Direttur tar-Registru

Pubbliku, u dana taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

**Rat ir-risposta ta' Marvic Formosa ta' Antnich, Triq l-lspiera, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita' numru 41185(G)**

Illi din ir-risposta qiegħda ssir wara rikors tal-attriċi Loraine Formosa, tramite liema saret talba ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk, din l-istess risposta qiegħda tiġi ppreżenta inottempranza mad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 10 ta' Lulju 2024 fejn tat żmien ġimgħa għar-risposta tal-esponenti.

<u>Illi fl-ewwel lok</u>, l-esponenti jirrileva li t-tattika li qed tintuża mir-rikorrenti, li jippreżenta rikors frekwenti, Ikoll ippreżentati b'"urġenza" u intiżi sabiex jinduċu lil din l-Onorabbli Qorti li tipprefiġġi terminu qasi għall-esponenti sabiex jirrispondi għalihom, hija straġika biex tqiegħed lill-esponenti fl-impossibilta li jlaħħaq ma kull wieħed minn dawn ir-rikorsi sakemm fl-aħħar jirnexxilha taqbad fuq sieq waħda, meta l-avukati sottoskriti ma jkunux f'posizzjoni li jirrispondu immedjatament għal xi rikors partikolarli fiż-żmien qasir prefiss, b'konsegwenzi distażuri għall-esponenti. **Fir-rigward ta' dan ir-rikors, imbagħad ma hemm xejn li jimmerita xi "Urġenza" partikolari. Għalhekk, l-esponenti jappella lill dina l-Onorabbli Qorti sabiex trażżan dan l-ghagir tal-attriċi li kull ma qiegħed jitfa pressjoni inutli u żejda, kemm fuq il-Qorti u anke fuq l-esponenti u l-legali tagħhom.**

<u>Illi fit-tieni lok,</u> l-esponenti jaqbel fil-prinċipju illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi imwaqqfa hekk kif titlob l-attriti **<u>b'dana pero</u>** fil-preżent l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti għad mhix definita u stabbilita u l-esponenti jinsab fi stat ta' inċertezza assoluta dwar l-assi, b'mod partikolari assi mobbli u intanġibbli, li jiffurmaw parti mil-istess komunjoni. L-esponenti għandu suspetti fondati u dubbji kbar li l-attriti ħbiet parti mill-assi formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti.

Isegwi għalhekk li jekk tiġi terminat l-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju l-esponenti sejjer isofri preġudizzju gravi billi jiġi mċaħħad minn kull opportunita li jistabilixxi l-konsistenza ta' dawn l-assi, jew, talinqas ser isibha ferm aktar diffiċli li jistabilixxi l-konsistenza ta' dawn l-assi u

jaċċerta ruħha li huwa jieħu s-sehem xieraq u ġust li jmiss lilhu minn dawn l-assi.

F'din il-linja ta' ħsieb, il-Qrati nostrana qalu s-segwenti[1]:

> ***"Il-Qorti hasbet fit-tul fir-rigward u hija tal-fehma, naturalment bla pregudizzju ghall-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet, illi fl-eventwalita' li tali talba tigi akkolta f'dan l-istadju u eventwalment fis-sentenza finali jirrizulta li l-allegazzjoni tal-attrici fir-rigward hija fondata, hemm ir-riskju illi fil-frattemp il-konvenut, wara li jkun ottjena x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti pendente lite, juza l-allegati fondi mohbija tal-komunjoni u jakkwista proprjeta' parafernali fl-esteru li l-attrici mhux biss ma jkollha l-ebda dritt dwarha izda jkun difficli ghaliha illi tirrintraccaha.***
>
> ***Fil-fehma tal-Qorti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet fir-rigward qed tikkonkludi illi x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonatfuq l-attrici."***

Illi l-istess linja ta' ħsieb kienet anke ikkonfermata mill-Prim Awla (Sezzjoni tal-Familja), f'sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Frar 2019 f'kawża fl-ismijiet "***Sunia Bowerman vs Luke Bowerman***" - Rik. Ġur. Nru. 273/ 2018 JPG (*Liema sentenza ma hijiex aċċessibbli għal pubbliku*)

Illi fil-fehma tal-esponenti, l-fatt minnu nnifsu li l-attriċi ressqet din it-talba b'urġenza juri li l-attriċi għandha motivi u skopijiet ulterjuri sinistri wara din it-talba tagħha.

<u>**Għalhekk fil-fehma umili tal-esponenti huwa neċessarju li qabel ma tintlaqa' t-talba tal-attriċi, l-esponenti tingħata l-possibbilta li tressaq il-provi kollha neċessarji sabiex tiġi stabbilita l-konsistenza tal-assi u tad-debiti li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti sabiex jingħata kont tajjeb u korrett ta' dawk l-assi, u jkun biss wara li jisr dan li tkun tista' tingħata ordni f'dan is-sense.**</u>

Daqstant għandu l-unur x'jissottometti l-esponenti għas-savju ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Fliet l-atti fl-intier tagħhom.

**Rat** ir-rikors ta' l-attriċi ta' l-10 ta' Lulju, 2024 li permezz tiegħu talbet ix-xoljiment tal-kommunijoni ta' l-akkwisti.[1]

**Rat** ir-risposta tal-konvenut tas-17 ta' Lulju, 2024 li permezz tagħha iddikjara li għalkemm huwa fil-prinċipju jaqbel mat-talba madankollu, l-ewwel kellhom jinġabru l-provi dwar il-konsistanza tal-kommunjoni u dan sabiex huwa jkollu viżibilità ta' l-assi u ta' x'għandu jkun is-sehem tiegħu mill-kommunjoni.[2]

**Rat** id-digriet tas-27 ta' Lulju, 2024 li permezz tiegħu it-talba attriċi ġiet appuntata għas-smigħ.[3]

**Rat** il-verbal tat-12 ta' Diċembru, 2024 fejn il-partijiet iddikjaraw illi l-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza fuq it-talba attriċi għax-xoljiment tal-kommunijoni.

**Rat** li fl-istess seduta l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata sentenza dwar it-talba ġia msemmija.

**Ikkunsidrat.**

[1] A fol 20 tal-proċess
[2] A fol 47 tal-proċess
[3] A fol 49 tal-proċess

Mill-atti jirriżulta li l-partijiet jinsabu f'kawża ta' separazzjoni. Jirriżulta li l-konvenut ma hux qed jopponi t-talba ta' l-attriċi u dan wara li nġabru l-provi dwar il-konsistenza ta' l-assi tal-kommunjoni.

**Ikkunsidrat.**

L-artikolu rilevanti għat-talba in diżamina huwa l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

**"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.**

**(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.**

**(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.**

**(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.**

**(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.**

**(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-**

**firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konkluživa.**

**(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.**

**(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti**."

Is-sub-inċiż 4 tal-artikolu preċitat jipprovdi li qabel tordna l-waqfien tal-kommunjoni ta' l-akkwisti, l-Qorti għandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawża. Kif diġa ingħad, l-konvenut fil-prinċipju qabel ma' l-attriċi li l-kommunjoni għandha tiġi xolta però talab li l-ewwel jinġabu l-provi dwar il-konsistenza ta' l-assi tal-kommunjoni. Mill-atti jirriżulta li tali provi tressqu tant li fl-aħħar seduta , dik tat-12 ta' Diċembru, 2024 , entrambi l-partijiet iddikjaraw li l-Qorti setgħet tgħaddi għad-deċizzjoni fuq it-talba attriċi.

Issa l-Qorti fliet l-atti sew u qieset il-provi li tressqu u hija tal-fehma illi l-akkoljiment tat-talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bl-ebda mod ma hi ser tippreġudika lill-konvenut dwar il-pretensjonijiet tiegħu fir-rigward tas-sehem tiegħu mill-assi tal-kommunjoni. Il-konsegwenza tat-terminazzjoni tal-kommunjoni hija biss li l-ebda waħda mill-partijiet ma ser tkun aktar tista' tippretendi li tippartecipa fid-dħul tal-parti l-oħra u dana billi kull talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni twassal għal waqfien tal-kommunjoni bil-konsegwenza li dak li jdaħħal parti fiż-żwieġ bil-ħidma lavorativa tiegħu jew tagħha ma jibqax aktar komuni.

Wara li għarblet il-fatti kollha din il-Qorti ma rriskontratx elementi li per se jammontaw għal "preġudizzju mhux proporzjonat" li l-Leġislatur kellu f'moħħu meta ġie promulgat l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16. Irid jingħad ukoll li l-waqfien tal-komunjoni ma jistax jitqies fih innifsu bħala preġudizzju mhux proporzjonat u *dunque* l-Qorti mhux tqis il-waqfien tal-kommunjoni fid-dħul tal-partijiet bħala preġudizzju mhux proporzjonat kontemplat fil-liġi.

Tant hu hekk li l-Qorti tal-Appell[4] qalet hekk :- "………*il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, għax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi għal futur u mhux għal dawk l-assi li diga` daħlu u qegħdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attriċi.*"

Ingħad ukoll illi "*In tema legali jingħad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbażata t-talba attriċi, jagħti l-fakolta' lill- parti jew oħra li "f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi…….t-talba għall-waqfien m'għandiex tingħata jekk parti tkun ser issofri "preġudizzju mhux proporzjonat*". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah u dan skont il-prinċipju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*."

Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talba ta' l-attriċi.

**Deċide**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għal motivi ġia espressi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi r-rikors ta' l-attriċi ta' l-10 ta' Lulju 2024 u tiddisponi mir-risposta tal-konvenut tas-17 ta' Lulju, 2024 billi tilqa' t-talba kif dedotta u konsegwentement:

[4] Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell , deciza fit-30 ta' Ottubru 2015

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna li din is-sentenza tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku a spejjeż ta' l-attriċi.

Spejjeż jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

(ft) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi

D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur